MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1501/2002

***Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-Assigurat taghha Meli Car Rentals Limited sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Meli Car Rentals Limited***

***vs***

***Joseph Cachia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta'Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et  s-somma ta' tlett mija, hdax-il lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm311.47) rappresentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li  sehh fi Triq il-Kuncizzjoni, Bormla nhar is-26 ta' Gunju 1999, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni KAO 472 misjuqa mill-konvenut Joseph Cachia u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABY 045 misjuqa minn Joseph Buhagiar u proprjeta' tal-kumpanija

*Meli Car Rentals Limited* assikurata mas-socjeta' attrici, liema incident gara unikament tort tal-imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u dana prevja dikjarazzjoni li ghal incident jahti unikament l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Mejju 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edmund Zammit Laferla, rappresentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u ezebixxa sett ta' erba' dokumenti mmarkati bhala Dokumenti JC1 sa JC4, konsistenti fis-*subrogation form*, *road accident report*, skizz tal-habta u *survey report*.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm311.47), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------